**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Alfred Zerafa**
**Godfrey Zammit**

**Illum 17 ta' Jannar, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alfred Zerafa detentur tal-karta tal-identita' 422160(M)

U

Godfrey Zammit detentur tal-karta tal-identita' 558178(M)

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi:

> Fis-6 ta' Frar, 2014 ghall-habta tal-11am, u/jew xhur qabel waqt li kienu gewwa l-Biccerija li tinsab fi Triq il-Princep Albert, il-Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' laham u/jew oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u valur li ma jeccedix elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi xjentament xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu jbieghuhom jew imexxuhom liema oggetti huma laham propjeta' tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala Ufficjali jew impjegati pubblici, ghal xi vantagg privat taghhom, ghamlu uzu hazin minn hwejjeg mobbli, li kienu fdati lilhom minhabba l-kariga jew impjieg taghhom jew serqu l-istess oggeti li huma propjeta' tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, taht l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tapplika l-Interdizzjoni Generali tal-imsemmija Alfred Zerafa u Godfrey Zammit.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' certifikat tat-twelid tal-imputati, fedina tal-penali tal-imputati, *punch cards* tal-imputati mmarkati bhala Dok MS, okkorrenza mmarkata bhala Dok IG, ircevuta mmarkata bhala Dok SM, ritratt immarkat bhala Dok SM1, *employment history* tal-impjegati mmarkati bhala Dok JS u JS1, stqarrijiet ta' Godwin Zammit immarkati bhala Dok SZ1 u SZ2, dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok SZ3, stqarrija ta' Albert Zerafa mmarkata bhala Dok SZ4 u dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok SZ5.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur Spiridione Zammit qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputati fis-seduta datata sbatax (17) ta' Frar, elfejn u sittax (2016).

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lil Emanuel Schembri, Mario Bonnic, PS 590 Ian Grima, PS 1480 Sandro Mallia u Joseph Saliba.

Emanuel Schembri, bhala *Chief Officer* tal-Biccerija tal-Gvern, li gharaf liz-zewg imputati bhala impjegati bicciera fil-Biccerija. Huwa spjega li fil-kaz sehh meta inqata xi laham minn fuq il-linja, hu u ghaddej il-karkassi, u dawn iz-zewg impjegati harguh mal-*waste*, haduh il-Wasteserv u zammewh go frigg hemmhekk. Huwa jistma li l-valur ta' dan il-laham kien ta' madwar hamsin ewro (€50). Huwa kompla jghid li nstab dan wara li

gibidlu l-attenzjoni s-*security* fuq suspett li kellu, u b'hekk kienet saret *inspection* minn Schembri stess fi Frar tal-elfejn u erbatax (2014) gewwa l-*guard room* tal-Wasteserv. Huwa kien gieghel lil persuna li kienu qeghdin hemm jifthu l-frigg li kien hemm fil-*guard room*, u hemmhekk kien hemm il-boroz bit-*trimmings* tal-laham li kienu nqatghu mil-karkassi. Schembri kompla jghid li min kien hemm fil-*guard room* ammetta li Alfred kien qed itihomlu izda meta kellem lill-imputati dawn ghall-ewwel cahdu. Schembri kompla jispjega li miz-zewg imputati, George kien jahdem mal-linja, flimkien ma' bicciera ohra, u li dawn ma kellhom l-ebda dritt u permess li jmissu u jaqtghu laham minn mal-karkassi huma u ghaddejjin minn mal-linja.

Mario Bonnici, li jahdem bhala *Security* l-incineratur, spejga li Alfred Zerafa, darba minnhom, kien tah xi bicctejn wardiet laham, li kienu ghar-rimi, sabiex izommomlu fil-frigg u x'hin lesta kien gie ghalih u hadu. Huwa stqarr li din kienet l-unika darba, ghax darba ohra kienu remewulhu. Huwa kkonferma li jaf li kienu ser jittiehdu proceduri kontrih b'rabta ma' dan il-kaz.

PS 590 Ian Grima stqarr li fl-elfejn u erbatax (2014), meta kien stazzjonat Rahal Gdid, kien ircieva rapport minn Emanuel Schembri bhala *Chief Security* tal-Biccerija fuq serq ta' laham tac-canga. PS 590 esebixxa dan ir-rapport rigward dan l-incident li sehh fis-sitta (6) ta' Frar, elfejn u erbatax (2014).

PS 1480 Sandro Mallia jghid li nhar id-disgha (9) ta' Frar, elfejn u erbatax (2014), fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Spiridione Zammit, kien mar ma' Alfred Zerafa gewwa 16, Sacred Heart, Triq Madre Tereza Izzo, iz-Zurrieq, fejn eleva borza laham, li kienet tizen madwar kilo.

Joseph Saliba, bhala rapprezentat tal-*Employment and Training Corporation*, ipprezenta l-*employment history* ta' Alfred Zerafa fejn indika li kien qieghed jahdem bhala *Butcher* mad-Dipartiment tal-*Corporate Services* fejn beda fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju, elfejn u sebgha (2007) u li skont ir-*records* taghhom, kien ghadu jahdem hemm sa dakinhar. Huwa pprezenta wkoll l-*employment history* ta' Godfrey Zammit, li jahdem ukoll bhala *Butcher* mad- Dipartiment tal-*Corporate Services*, u li beda dan l-impjieg fl-

erba' (4) ta' Frar, elfejn u tmienja (2008) u li wkoll kien ghadu jidher impjegat sa dakinhar.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru, elfejn u sittax (2016) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

Fil-konfront taz-zewg imputati:

- Fl-Artikoli 261(d), 268(d), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 334(a) b'referenza ghall-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 127(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni cara u inekwivoka maghmula mill-imputati u li ghalhekk ma kellix ghalfejn tahli aktar hin ittellgha xhieda.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 127(1)(2), 261(d), 268(d), 281(a) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, wara li semghet it-trattazzjoni senjatament tal-Ufficjal Prosekutur jiddikjara l-valur**

**minimu tar-re furtiva u wara li semghet id-difiza tiddikjara li dan hu l-uniku mezz ta' ghixien tal-imputati, qed issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu l-ebda reat sa zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum.**

**Tirrakomanda lill-Awtoritajiet koncernati sabiex juzaw id-diskrezzjoni taghhom rigward dan il-kaz u jekk hu possibbli l-imputati ma jinghatawx is-sanzjoni li jigu terminate mix-xoghol.**

**Ma tapplikax l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-Qorti applikat il-Kapitolu 446 u ghalhekk ma titqiesx bhala piena finali u definittiva ai termini tal-istess Kapitolu tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**